MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2003

Numru. 263/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
- vs -
**JOSEPH VELLA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat JOSEPH VELLA bin Gaetano u Rosa Anna nee Mallia, li joqghod Serena Aparthotel, Triq il-Punici, Xlendi, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 911445M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fis-sittax ta' Jannar 2003, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar waqt li kien l-Hotel Serena Beach Club, Triq il-Punici, Xlendi, Munxar, zamm, ostakola, immolesta jew xort'ohra fixkel jew ipprova jzomm, jostakola, jimmolesta jew jfixkel lil Ufficjali tal-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet taghhom.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 43(1)(d)(f) tal-Kap 409 tal-Att dwar is-Servizzi tal-Ivvjaggar tat-Turizmu ghal Malta.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Anthony Cutajar jixhed fis-seduta ta' llum, erbgha w ghoxrin (24) ta' Lulju 2003 u jghid li huwa jokkupa l-kariga ta' Senior Officer fid-Direttorat tal-Enforcement mal-Awtorita tat-Turizmu. Illi nhar s-sittax ta' Jannar 2003, huwa, flimkien ma Jonathan Cuschieri u Christine Cini Vella, bhala rappresentant w impjiegat bhala Ufficjali mal-Awtorita tat-Turizmu, marru jkellmu lil imputat dwar reklam li kien sar fil-gazzetta lokali 'The Times' lejliet nhar il-hmistax ta' Jannar 2003, meta l-lukanda Serena Beach Hotel giet reklamata *five star* meta hija registrata mal-Awtorita bhala *two star*. Spjiega kif appena huwa beda jitkellem mal-imputat, jghidlu b'dak li fil-fehma tieghu l-imputat ma kellux jaghmel, l-imputat beda jitkellem hazin u jghid diskors bhala "busuli fejn impoggi" u li "l-ministru huwa bodbod" u li "intom cwiec bhalu" u li huwa kien ser jkompli jaghmel li jrid. Huwa spjiega li Christine Cini Vella ma kellmitux izda kienet presenti u hadet in-notamenti tal-incident.

Jonathan Cuschieri u Christine Cini Vella wkoll xehdu fl-istess seduta u spjiegaw kif sehh l-incident bl-istess dettal li spjiega Anthony Cutajar .

Ludgardo Gatt xehed li ghandu l-kariga ta' Assistant Manager mal-Awtorita tat-Turizmu u spjeiga li l-imputat huwa r-registered licencee tal-lukanda mertu tal-kawza odjerna u li hija registrata maghhom bhala two star [vide d-dokument CSH 1 esibit fl-atti].

Il-Qorti ezaminat wkoll r-rapport esibit minn Anthony Cuschieri li jinsab immarkat bhala dokument CSH fl-atti odjerni.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidtx f'dawn il-proceduri kif ghandu kull dritt li jaghmel pero b'hekk ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni fl-ebda hin ma giet kontradetta.

Fit-trattazzjoni orali l-Avukat Difensur tal-imputat kien tal-fehma li l-Qorti ma tistax ssib lil imputat hati ghaliex il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx li Ludgardo Gatt, Anthony Cutajar, Jonathan Cuschieri u Christine Cini Vella huma Ufficjali tal-Awtorita.

Illi l-Qorti bir-rispett kollu ma taqbilx ma din il-linja difensjonali u dan ghaliex l-erbgha persuni lkoll bdew ix-xhieda taghhom billi spjiegaw x'karigi ghandhom u tali xhieda ma giet kontradetta minn hadd u anzi lanqas saru domandi lilhom biex jikkrejaw xi dubbji dwar il-kariga taghhom.

Illi dwar l-incident per se l-Avukat Difensur ma qal xejn u ghalhekk fid-dawl tal-istess, il-Qorti tiddikjara li wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati tiddikjara li ssib lil imputat JOSEPH VELLA hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira maltin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------